# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.7

**Kap 3 : Ġesu' fostna!**

**Lezzjoni 3.7: Il-Milied: Festa Ta' Tama u Mħabba**

**L-Għanijiet:**

**Il-tfal:**

1. jifhmu li hemm nies madwarhom li għandhom bżonn l-għajnuna.



2. jirrealizzaw dan permezz ta' stejjer konkreti.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video - Il-Bambin tal-Isptar – https://www.youtube.com/watch?v=wNgOk3UXFuo

- Il-kanzunetta: Armonija https://www.youtube.com/watch?v=qDXQcgk35Bs



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri l-film il-Bambin Tal-Isptar. Dan il-film qasir juri r-realtà tat-tfal morda bil-kanċer fl-isptar. Urih b'kawtela. Jekk taħseb li lit-tfal tal-klassi ser jimpressjonahom, jew hemm xi ħadd li għaddej minn din l-esperjenza, aħjar ma turihx. F'idejk.



- Staqsi: Mhux it-tfal kollha jieħdu pjaċir jiċċelebraw il-Milied. X'jistgħu jkunu aktar ir-raġunijiet?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-*powerpoint*: Il-Milied – Festa Ta' Tama u Mħabba. F'din il-powerpoint jiġu msemmiji realtijiet diffiċli li t-tfal jiltaqgħu magħhom illum : nuqqas ta' xogħol fil-familja, ġenituri mifrudin, mard ...
2. Il-*Powerpoint* jispiċċa b'mistoqsija : X'tista' tagħmel int għal dawn it-tfal?
3. Ara li joħorġu l-punti saljenti ta' din il-lezzjoni.
4. Agħlaq il-lezzjoni billi ssemma l-kanzunetta Armonija.




## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Madwarna hemm tfal ukoll li jbatu fil-Milied.
2. F'dan il-Milied Ġesù qed iħalli f'idi biex inkun mezz ta' għajnuna għal dawn it-tfal.
3. Tfal li narawhom f'xi bżonn irridu nagħmlu ħbieb magħhom
4. Ġesu' twieled għal kulħadd u allura aħna rridu nħobbu lil kulħadd
5. It-tbatija tista' tkun: mard, nuqqas ta' xogħol, mewt ta' xi ħadd mill-ġenituri jew ta' xi ħadd għażiż ...



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jifhmu li rieda tajba tiġi meta huma jisimgħu sew dak li ħaddieħor qed jgħidilhom u jaraw kif jistgħu jgħinu.
- It-tfal juru li lesti jilqgħu lil Ġesu f'qalbhom billi jaċċettaw u jgħinu lil kulħadd.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Video - Il-Bambin tal-Isptar – https://www.youtube.com/watch?v=wNgOk3UXFuo

- Il-kanzunetta: Armonija https://www.youtube.com/watch?v=qDXQcgk35Bs



## Nitolbu

Mulej, użani biex inkun ta' għajnuna għal min qiegħed ibati. Fuq kollox, żomm idejk fuqhom u f'dan il-Milied laqqagħhom ma' nies li jagħtuhom ħafna tama u kuraġġ biex ma jaqtgħux qalbhom.

